# IL-ĠAWHRA TAL-BELT VITTORIOSA

"VICTRIX PALMAM FERO". Rebbieħa l-Palma Nġib" huwa l-motto ta' din il-belt Rebbieħa u Glorjuża. Belt li kellha diversi ismijiet sakemm fl-1565 ħadet l-isem finali tagħha bħala Citta Vittoriosa li tfisser Belt Rebbieħa aktar magħrufa mal-Maltin bħala l- "Birgu". Fost id-diversi ismijiet li din il-Belt kellha, nsibu "Pirgos" li skond Sir Temi Zammit dan l-isem ġej mill-lingwa Griega li jispeċifika għall-kastelli kollha ta' madwar il-baħar. Isem ieħor li din il-Belt kienet iġġib u qrib ħafna ta' dak finali huwa "Borgo" li tfisser ftit djar bla ebda fortifikazzjoni mdawra magħhom. Intant mal-miġja ta' l-Ordni Gerosormlitana fl-1530 kien il-Gran Mastru D'Homedes li għammed lil din il-Belt bl-isem ġdid ta' "Citta Nova" minħabba l-fortifikazzjonijiet li saru finalment fl-1565 wara t-taqbida qalila mal-qawwa Torka il-kavallieri flimkien mal-poplu Malti għelbu lill-Misilmin u għalhekk kienet ir-raġuni valida li din il-Belt Rebbieħa ġiet mgħammda finalment bl-isem li tant jixirqilha ta' "Citta Vittoriosa".
Fost id-diversi opri storiċi u artisitiċi li tħaddan din il-Belt insibu l-Kastell ta' Sant' Anġlu, l-Bereġ tal-Kavallieri, l-Palazz ta' l-Inkwiżitur u l-Knisja monumentali ddedikata lil San Lawrenz, Levita Martri Padrun ta' din il-Belt. Żgur li jekk taqbad tikteb fuq dawn kollha ma' tispiċċa qatt għaliex l-istorja rikka li tħaddan din il-Belt hija vasta ferm. Iddeċidejt li din il-kitba tittratta dwar il-Knisja ta' San Lawrenz, Kolleġġjata u Parroċċa Matriċi.
"San Lorenzo a Mare" hekk hija magħrufa din il-knisja minħabba l-pożizzjoni strutturali tagħha li tpaxxi x-xatt tal-Birgu. Din il-knisja hija waħda mil-eqdem tal-gżejjer Maltin difatti hija l-ewwel Parroċċa f'Malta wara l-Kattidral ta' l-Imdina fejn huwa magħruf li ġiet imwaqqfa fl-1090 fi żmien il-Konti Ruġġieru. Ma kenitx ħlief kappella żgħira fejn fl-1508 inbniet waħda ikbar. Mal-miġja ta' l-Ordni Gerosormlitana , nhar it-8 ta' Novembru 1530 din il-knisja saret il-knisja konventwali ta' l-Ordni sa l-aħħar ta' Ottubru ta' l-1571 meta l-kunvent kollu ġie meħud fil-Belt il-ġdida. Sfortunatament fl-1 ta' April ta' l-1532 is-sagristan li kien inkarigat nesa l-blandun mixgħul, il-knisja ta' dak iż-żmien kienet ta' l-injam ġarrbet ħsarat kbar bin-nirien li ħakkmuha. Il-Gran Mastru L'Isle Adam ordna li tittella knisja ikbar madankollu l-ordni ma kenitx kuntenta b'din il-knisja. Ġie mqabbad l-arkitett Lorenzo Gafà, li fil-vini tiegħu kellu demm Vittorjożan u fil-11 ta' Mejju 1681 tqiegħdet l-ewwel ġebla u ġiet imbierka mill-Isqof Molina. Kien nhar l-10 ta' April 1697 meta din il-knisja infetħet għall-pubbliku għall-ewwel darba għall-okkażjoni tad-dħul sollenni tal-Gran Mastru Perellos fil-Belt Vittoriosa. Din il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Gori Mancini fl-24 ta' Ottubru 1723. Din il-knisja oriġinalment inbniet b'kampnar wieħed fejn wara fil-bidu tas-seklu ġie deċiż li jinbena kampnar ieħor u ġie nawgurat fl-1913.



Ta' min isemmi li l-qniepen ta' din il-knisja jinsabu kollha fil-kampnar il-qadim li l-kbira fosthom saret fl-1882 minn Ġulju Cauchi fejn din swiet £444 u ġiet mgħammda bl-isem ta' Lorenza. Fejn illum insibu l-kappella tas-Sagrament. Ta' min jgħid li din il-kappella ma kenitx inbniet ma' l-istruttura oriġinali ta' Gafà. Kienet id-donatriċi il-Barunessa Franġiska Viani li ħallset l-ispejjeż għal din il-kappella li l-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet fi Frar ta' l-1786. Din il-kappella saret flok l-artal ddedikat lil Santu Rokku. F'din il-kappella nsibu tlett kwadri fejn l-ewlieni juri l-Aħħar Ċena tas-Sinjur u t-tnejn tal-ġnub juru xeni ta' Santu Rokku u San Sebastjan. Dawn il-kwadri huma xogħol l-artist Mikiel Busuttil.
Kien fl-1659 meta Dr. Gio Maria Abela ħalla l-wirt tiegħu lil din il-knisja sabiex wara l-mewt tiegħu u ta' martu din il-knisja titwaqqaf f'Kolleġġjali Benefiċċjali. Wara l-mewt ta' din is-Sinjura fl-1669 il-Vigarju Kapitulari ir-Rev. Kan Gio Anton Cauchi ħatar tmien saċerdoti bid-dmir li jgħidu l-uffiċċju kull nħar ta' Ħadd. Il-benefiċċjati ta' din il-knisja fl-1 ta' Jannar 1792 bi Breve tal-Papa Piju VI kisbu bis-saħħa ta' Mons. Ġulju Carpegna, Inkwiżitur u delegat Appostoliku, il-privileġġ li setgħu jġibu r-rukkett u l-mezzetta vjola u l-kappillan il-kappa magna. Din il-knisja Matriċi ġiet mtellgħa f'kolleġġjata insinji f'Ġunju ta' l-1820 taħt il-Papa Piju VII. Il-kanonċi ħadu l-pussess tagħhom għall-ewwel darba fil-31 ta' Diċembru 1821.
Fost id-diversi teżori li tħaddan din il-kolleġġjata nsibu diversi opri ta' l-arti li l-ewlieni fosthom huma xogħol tal-magħruf pittur Mattia Preti fejn jippreżenta l-Martirju ta' San Lawrenz fuq il-gradilja li sar fl-1689. Fis-saqaf tal-knisja nsibu diversi pitturi li jittrattaw episodji varji mill-ħajja ta' San Lawrenz fost

dawn insibu lil San Lawrenz jiltaqgħa mal-Papa Sistu II, San Lawrenz jagħti r-rigali lill-fqar, u San Lawrenz iressaq il-fqar lill-Imperatur Valerjanu bħala teżori tal-knisja fil-waqt li fis-saqaf tal-kor insibu l-pittura ta' San Lawrenz fil-Glorja, xogħol ta' Calì. Kwadri oħra fil-ġnub tal-kor jippreżentaw lil Sant' Andrija u San Arasmu li huma ta' skola Taljana.



Fiż-żminijiet l-imgħoddija din il-Belt kienet il-benniena ta' l-imgħallem fix-xogħol ta' l-injam. Xhieda ta' dan narawha f'din il-knisja monumentali Parroċċa tal-Belt Vittoriosa.
Eżattament malli tidħol il-bieb wieħed jista' jammira l-gallarija ta' l-orgni, xogħol ta' l-imgħallem Vincenzo Serracino li ġiet inawgurata lejliet il-festa ta' San Lawrenz tas-sena 1880. F'din l-opra fl-injam insibu tlett gallarijiet għall-mużiċisti u fil-parti tan-nofs qiegħed biex jitpoġġew it-trombi ta' l-orgni. L-orgni l-antik ġarrab ħsarat kbar fit-tieni gwerra u ġie nstallat ieħor ġdid fl-1952 ta' manifattura Taljana ta' Tamborini. Din is-sena ta' min jgħid li dan l-orgni għalaq 50 sena.



Eżattament taħt il-gallarija ta' l-orgni nsibu l-fonti ta' l-ilma bapteżimali. Dan il-fonti magħmul minn xogħol fl-irħam u xogħol fl-injam li ġie nawgurat fis-sena 1741. Opra oħra fl-injam li żgur tolqot l-għajn huwa l-pulptu li jinsab ma' wieħed mill-pilastri maġġuri ta' dan it-tempju mimli storja. Dan tqiegħed f'postu fis-sena 1890.

Il-bradella flimkien mal-pedestall tal-fidda ta' San Lawrenz tista' tgħid huma mimlija b'dettal fin kemm ta' nterzjar kif ukoll b'fidda martellata sa l-inqas dettall. Il-bradella xogħol ta' l-artist Alfonso Maria Pace hija miżgħuda b'informazzjoni konnessa mal-Birgu kif ukoll mal-qaddis Missier din il-Belt Rebbieħa San Lawrenz. Ħarsa mill-qrib lejn din l-opra wieħed jista' jara tmien statwetti tal-fidda li jinsabu tnejn fuq kull faċċata li qegħdin iżommu emblemi ta' kattidrali u bażiliċi ddedikati lil San Lawrenz. Fiċ-ċentru bejn dawn l-istatwetti fuq kull faċċata nsibu erba' armi ta' erba' mexxejja li b'xi mod kellhom konnessjoni mal-Belt Vittoriosa. L-ewwel arma li nsibu hija tal-Konti Ruġġieru li stabbilixxa l-parroċċa ta' San Lawrenz fis-sena 1090. Arma oħra hija tal-Papa Urbanu II. It-tielet arma li nsibu hija dik tal-Granmastru Philip de Villiers de L'Isle Adam li kien iddikkjara l-knisja ta' San Lawrenz bħala knisja konventwali ta' l-Ordni fis-sena 1530, u l-aħħar arma hija dik tal-Gran Mastru Jean de La Valette li żejjen l-isem ta' din il-belt glorjuża, f'belt rebbieħa, fl-Assedju ta' l-1565.
Il-pedestall tal-fidda fuq il-bradella jmur għas-sena 1903. F'kull kantuniera ta' dan il-pedestal insibu erba' statwetti tal-fidda li jissimbolizzaw l-erba' virtujiet li kien iħaddan il-kbir qaddis San Lawrenz. Dawn il-virtujiet huma Fidi, Tama, Karità u Purità. Ma' kull faċċata tal-pedestal wieħed jista' jinnota l-erba' emblemi tal-Kottonera jiġifieri l-emblemi tal-Birgu, Bormla, Isla u l-Kalkara.
Dan kien ftit tagħrif dwar il-Kolleġġjata tal-Birgu. Knisja li tħaddan diversi opri ta' l-arti meraviljużi. Knisja li hija marbuta ma' l-istorja ta' gżiritna kif wara kollox hija l-Belt Vittoriosa, Belt Rebbieħa u Glorjuża.



Riferenzi
Alfie Gulliamier. Bliet u rħula Maltin 1987.